**5 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Antoine Guillaumier

*versus*

Patrick Gouder, eżerċitanti l-kummerċ taħt l-isem tad-ditta "The Stork"

**Kuntratt - Bejgħ - Konklużjoni ta'**

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti fis-sens illi sabet illi ma kienx ġie konkluż kuntratt bejn il-partijiet in kwistjoni.*

Il-Qorti:-

L-attur ipproċeda kontra l-konvenut b'dan l-att taċ-

ċitazzjoni:

"L-attur ippremetta illi l-konvenut għandu jħallas is-somma ta' ħames mija u sitta u disgħin lira Maltija u sittin ċenteżmu (Lm596.60,0) lill-attur, prezz ta' materjal ta' tessuti li l-istess xtara mingħand l-attur;

Premess illi l-konvenut ġie kemm-il darba inutilment interpellat u mitlub sabiex jagħmel il-ħlas;

Premess illi dan l-ammont huwa ċert, likwidu u dovut skond il-liġi;

Talab lil din il-Qorti:

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċidi bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża *ai termini* ta' l-artikoli 167 - 171 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

U Sussegwentement tikkundanna lill-konvenut iħallas l-ammont ta' ħames mija u sitta u disgħin lira Maltija u sittin ċenteżmu (Lm596.60) bl-imgħaxijiet skond il-liġi";

Il-konvenut hekk eċċepixxa għat-talbiet attriċi:

"It-talbiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk għandhom ikunu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu peress illi:

Il-konvenut ma xtara xejn mingħand l-attur għax il-ftehim bejniethom kien li qabel issir l-ordni l-konvenut kellu jara l-materjal biex jara hux tajjeb għall-ħtiġijiet tiegħu;

Il-materjal ikkonsenjat mill-attur ma kienx tal-kwalità miftehma peress illi l-pezez li minnhom kellhom jinħadmu diversi *items* ma kinux jaqblu, u l-materjal kien intiż biex minnu jsiru *sets* li jkunu jaqblu";

B'sentenza tal-11 ta' Novembru, 1993, l-allura Qorti tal-Kummerċ ċaħdet it-talba ta' l-attur però fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ ħalliet l-ispejjeż bla taxxa bejn il-partijiet;

L-Ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza tagħha:

"Illi l-partijiet ma jaqblux bejniethom dwar x'diskors sar meta l-konvenuta "ftehmet" ma' l-attur dwar il-konsenja tal-materjal in kwistjoni;

L-attur min-naħa tiegħu jgħid li l-konvenuta ċemplitlu biex jordna l-materjal u li dwar il-prezz kienu diġà ftehmu qabel;

Hu jgħid li l-kelma *sets* semagħha kważi fl-aħħar meta d-drapp kien prattikament wasal Malta;

Il-konvenuta tgħid, min-naħa tagħha, illi hija spjegat lill-attur illi kien hemm il-ħtieġa ta' materjal għal *matching sets* ta' *pillow cases*, *quilt covers* u *cot bumpers* u li hi spjegat din il-ħtieġa lill-attur li min-naħa tiegħu taħa xi kampjuni ta' materjal biex tarah. Ma sarx ftehim dwar prezz iżda meta hi marret għand l-attur biex tiddiskuti l-prezz, sabet li dan kien diġà ordna l-materjal;

Qalet lill-attur li kien hemm kampjun li ma riditux u dan qalilha li ma jimpurtax għaliex setgħet ma tixtrix dak li ma jogħġobhiex;

Il-konvenuta tkompli li reġgħet f'dik l-okkażjoni nsistiet "basta jkunu *matching sets*". Dan hu miċħud mill-attur;

Il-konvenut jgħid li meta d-drapp ġie kkonsenjat huma ma setgħux jindunaw mill-ewwel jekk kienx jikkonsisti f'*matching sets* jew le billi d-drapp jiġi f'romblu;

Il-konvenuta kompliet illi meta d-drapp ittieħed għand il-ħajjata nstab li ma kienx jikkonsisti f'*matching sets*;

Il-Qorti kkunsidrat:

Illi l-kampjuni esebiti huma biċċiet żgħar ta' drapp u ma jikkonsistux f'*sets* iżda l-konvenuti ftehmu li tali kampjuni kellhom biss iservu bħala idea tad-disinn tad-drapp;

Billi nqala disgwid dwar attwalment huwiex possibbli li jinxtraw *matching sets* din il-Qorti nnominat lil persuna teknika, Charles Cachia biex jirrelata;

L-eċċezzjoni tal-konvenuti għat-talba ta' l-attur hija fis-sens illi huma ma xtraw xejn billi l-ftehim kien illi huma kellhom jaraw il-materjal qabel issir l-ordni, biex jaraw jekk tali materjal kienx tajjeb għall-ħtiġijiet tagħhom;

Il-posizzjoni legali tal-konvenuti hi għalhekk illi ma kienx hemm il-*consensus ad idem* li hu neċessarju biex tirnexxi l-azzjoni ta' l-attur;

Dwar dan il-punt il-Qorti kkunsidrat ulterjorment:

Illi huwa fondamentali għas-soluzzjoni tal-kwistjoni li wieħed jasal għall-konklużjoni dwar liema versjoni tal-partijiet

hi l-aktar attendibbli għar-rigward ta' l-ordni oriġinali;

Fil-fehma tal-Qorti l-punt kruċjali f'dan ir-rigward hu f'liema termini sar il-ftehim u x'intendew il-partijiet. Jekk l-attur kien diġà ordna d-drapp qabel ftiehem dwar il-prezz, għandhom raġun il-konvenuti illi dan għamlu qabel biss ma kien hemm ftehim definit dwar l-oġġett ta' l-obbligazzjoni;

In verità l-espert innominat mill-Qorti ma kienx ta' għajnuna sostanzjali biex jispjega dwar *matching sets*. Però minn eżami tal-kampjuni esebiti huwa faċili li wieħed jifhem xi trid tgħid il-konvenuta *matching sets*. Hemm pezza li għandha d-disinn adattat preċiż għal *cot bumper*, oħra li għandha disinn rettangolari għal *pillow case*;

Mela dak li l-konvenuti riedu jordnaw (ara xhieda tal-konvenuta ta' l-10 ta' Ġunju, 1993) kienu pezez li jkunu jikkontjenu tliet forom differenti bl-istess disinn, jew tliet pezez li jkollhom l-istess disinn però kull pezza jkollha l-forma adattata għal xi waħda mill-*items* imsemmija;

Il-Qorti kkunsidrat:

Illi ma jistax jinftiehem dak li jgħid l-attur illi l-konvenuti setgħu utilizzaw id-drapp, skond il-kampjuni, għall-iskop li spjegaw huma. Ma tinftiehemx il-loġika tiegħu f'dan ir-rigward fix-xhieda ta' l-10 ta' Ġunju, 1983;

Inoltre, l-attur jgħid ukoll illi meta ċemplitlu l-konvenuta u lmentat li d-drappijiet li ħadet ma kinux *sets* hu rrisponda "Għidtilha "dawn *sets*", mela";

Huwa ovvju illi *set* għal sodda tat-tfal ikun jaqbel u l-

kampjuni ma jaqblux;

Il-Qorti għalhekk tara li hi ferm aktar verosimili l-versjoni tal-konvenuti dwar il-mod kif sar id-diskors. *Jidher illi l-attur ħa r-riskju li ordna d-drapp għax assuma li l-konvenuti kienu żgur jixtruh.* Tant illi qal lill-konvenuta, mhux kontradetta, illi jekk meta jasal id-drapp ikun hemm xi drapp li l-konvenuti *ma ridux,* setgħu *ma jieħduhx;*

F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti tara *li ma kienx hemm consensus ad idem* bejn il-partijiet u konsegwentement ma tistax tilqa' t-talba attriċi;

Dwar spejjeż ta' din il-proċedura l-konvenuti kienu obbligati, biex jeżimu ruħhom mir-responsabbilità għall-ispejjeż li jiddepożitaw l-oġġett il-Qorti. Huma jgħidu li ppruvaw jirritornaw l-istess lill-attur li rrifjuta li jaċċettah";

Kemm l-attur u kif ukoll il-konvenut appellaw b'mod prinċipali minn din is-sentenza. Il-konvenut għaliex *hu ma* kellu jiġi addebitat bl-ebda parti bl-ispejjeż, waqt li l-attur naturalment appella kontra s-sentenza fil-meritu;

Din il-Qorti tikkunsidra qabel xejn l-appell ta' l-attur. Hu jikkontesta l-konsiderazzjoni ta' l-Ewwel Qorti li qieset bħala fondata l-eċċezzjoni tal-konvenut li hu ma kien xtara *xejn* mingħand l-attur billi l-ftehim kien soġġett għall-kondizzjoni illi hu kellu jara l-materjal biex jistabbilixxi jekk dak kienx adatt għall-bżonnijiet tiegħu u dana *qabel ikkonferma l-ordni* tiegħu. L-attur min-naħa tiegħu jikkontendi illi l-ftehim kien ġie konkjuż skond il-kampjun li kien jindika l-kwalità u xorta ta' materjal li mart il-konvenut kienet iddomandat *mingħandu.* L-attur jissottometti illi tant ma kienx minnu illi l-ftehim kien soġġett għall-kondizzjoni li l-konvenut ikollu l-okkażjoni li

jeżamina l-materjal qabel jakkwistah *illi* kien hemm *delivery note* li tindika li l-materjal kien ġie riċevut mill-konvenut bla riserva u ma ġiex riġettat fil-mument tal-konsenja u lanqas ġie ddepożitat fir-Reġistru ta' din il-Qorti. Iżid l-attur illi kieku l-intiża u l-ftehim kienu fis-sens "li l-attur ma kellux jordna qabel ma *jara l-konvenut jekk kienx skond il-bżonnijiet tiegħu, il*-materjal ma kienx jinfetaħ biex jitkejjel u jiġġarrab mill-ħajjata. Kien allura aktar verosimili l-versjoni tal-ftehim kif sostniha l-attur milli kif sostniha l-konvenut";

*Finalment l-attur jissottometti illi anke kieku l-materjal* kien ta' kwalità mhux miftiehma, il-konvenut kellu jaġixxi b'azzjoni *ad hoc* f'dan ir-rigward jew għall-inqas kellu jressaq talba bħal dikjarazzjoni f'dan is-sens f'rikonvinzjoni għat-talbiet ta' l-attur "għaliex mhuwiex tenibbli fil-liġi li r-rexissjoni tal-ftehim issir fuq talba ta' din ix-xorta per via di eċċezzjoni";

Il-Qorti tibda biex tqis din l-aħħar sottomissjoni li ma tidhirx li tista' tiġi b'xi mod sostnuta fil-liġi. Biżżejjed jingħad li l-bażi ġuridika tas-sentenza appellata hi li l-Ewwel Qorti waslet għall-konvinċiment li ma kienx jeżisti l-*consensus ad idem* essenzjali biex jiġi kkreat il-vinkolu kontrattwali. Il-kuntratt bejn il-kontendenti hu allura ineżistenti. Jekk dan jiġi kkonfermat hu ċar li l-konvenut ma setax ikun mistenni li jaġixxi għal dikjarazzjoni ġudizzjarja biex jiġi rexiss kuntratt li ma jeżistix. La b'azzjoni *ad hoc* u lanqas in via rikonvenzjonali. L-unika triq li kellu miftuħ għalih il-konvenut biex jopponi t-talba ta' l-attur kienet dik li kif għamel, jeċċepixxi li ma kinitx teżisti r-rabta kuntrattwali li fuqha l-attur kien qed jibbaża l-azzjoni tiegħu. Eċċezzjoni li jekk ippruvata neċessarjament kienet tfisser iċ-ċaħda tat-talbiet attriċi imma jekk għall-kuntrarju ma tiġix ippruvata tkun tfisser li l-linja difensjonali tal-konvenut tfalli;

Din il-Qorti ma tistax ma tikkummentax fuq is-sottomissjoni ta' l-appellant li d-*delivery note* aċċettatha u ffirmatha mill-konvenut kienet tfisser li l-materjal kien ġie aċċettat minnu bla ebda riserva. Din ukoll ma tistax titqies bħala sottomissjoni valida fiha nfisha. Tista' biss takkwista kontenut jekk jiġi ppruvat illi mhux minnu kif qed jippretendi l-konvenut li l-ftehim kien soġġett għall-kondizzjoni illi l-materjal ikun skond il-kwalità pattwita u l-ftehim ma kienx ikun konkjuż qabel *ma l-kompratur ikun sodisfatt minn dik il-kwalità. Għal* kuntrarju jekk it-teżi tal-konvenut tiġi meqjusa bħala dik korretta, il-fatt li l-materjal ġie aċċettat bla riserva jkun ifisser biss li dan ikun qed isir biex tiġi eżaminata u vverifikata preventivament fil-kwalità tiegħu qabel ma jiġi konkjuż il-bejgħ. Din l-eventwalità tkun sa hawn biss iżda titqies li tkun il-portata tad-*delivery note* iffirmatha mill-konvenut;

Il-Qorti eżaminat il-provi dwar l-allegat ftehim u tqis li din hi prinċipalment materja ta' apprezzament ta' fatt u tal-kredibilità u attendibilità tax-xhieda prodotti kif jidher ukoll *mill-analiżi magħmula mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata.* Apprezzament li din il-Qorti ta' reviżjoni ma għandhiex tiddisturba jekk mhux għal raġuni serja biex tevita nġustizzja manifesta. Il-Qorti tinnota li kien jispetta qabel xejn lill-attur li jipprova b'mod konvinċenti illi n-negozju kien ġie konkluż mingħajr il-kondizzjoni li fuqha qed jinsisti l-konvenut. Kif ġie aċċennat il-kontestazzjoni hi illi ċ-ċirkostanzi tan-negozju ma kinux jippreżentaw ftehim ta' bejgħ konkluż skond kampjun imma li l-bejgħ ma kienx ġie konkluż u kellu biss jiġi konkluż kwante volte d-drapp supplit ikun a sodisfazzjoni tal-konvenut u adatt għall-iskop li għalih hu ried jakkwistah. L-Ewwel Qorti qieset li din il-prova l-attur ma rnexxilux jagħmilha b'mod konvinċenti. Hi eżaminat il-versjonijiet tal-kontendenti fid-dawl tal-provi miġbura u din il-Qorti ma għandhiex raġuni ta' sustanza biżżejjed biex tiddiskosta ruħha minn dak il-*konvinċiment li wassal lill-Ewwel Qorti għall-konklużjoni li n-*

negozju *de quo* qatt ma kien ġie *fil-fatt konkluż*. *Din il-Qorti* ukoll ma sabitx biżżejjed elementi ta' provi li jpoġġu fid-dubbju dak li jafferma l-konvenut li: (a) *huwa qatt ma ordna d-drapp; u* (b) li l-materjal inġieb mill-attur qabel ma sar il-ftehim - li *baqa' fil-fatt ma sehh qatt kif ukoll ma kien hemm qatt ftehim* dwar il-prezz ta' materjal. Il-provi jindikaw illi l-attur ħa riskju kkalkolat meta ordna materjal qabel ma kien ġie definittivament konkluż in-negozju tant li huwa kien ippreparat għaċ-ċirkostanzi li l-konvenut ma kkonkludix il-ftehim hekk il-materjal ma jkunx a sodisfazzjoni tiegħu jew adatt għall-iskop li għalih kien intenzjonat li jutilizzah biex jixtrih. Il-fatt illi l-attur kien iqis li l-konvenut ma kienx marbut li jaċċetta d-drapp jekk dan ma jkunx iridu kif ukoll in-nuqqas ta' prova konvinċenti dwar ftehim fuq il-prezz tal-bejgħ huma ndikazzjonijiet qawwija li n-negozju ma kienx ġie konkluż u li l-konvenut kien adegwatament allura pprova l-eċċezzjoni prinċipali tiegħu;

L-appell ta' l-attur ma jistax għalhekk jiġi sostnut;

Mill banda l-oħra jidher ġustifikat l-appell tal-konvenut dwar il-kap ta' l-ispejjeż. Dan għaliex jekk il-Qorti tasal, kif waslet, għall-konklużjoni illi ma kien hemm l-ebda rabta kontrattwali bejn il-kontendenti għaliex il-kuntratt ta' komprovendità ma kienx għadu konkluż, wieħed ma setax jargumenta illi l-konvenut kien marbut bid-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili li jirregolaw dak l-istatut fosthom dawk li jobbliga lill-kompratur li jagħżel li jirrifjuta l-merkanzija lilu kkonsenjata jekk din ma tkunx ta' kwalità pattwita u fin-nuqqas jiddepożita l-istess taħt l-awtorità tal-Qorti biex jeżimi ruħu minn kull responsabbilità. Fil-każ taħt eżami una volta l-kuntratt ma kienx għadu seħħ, kien biżżejjed għall-konvenut li jsejjaħ lill-attur biex jieħu lura l-merkanzija li kien bagħtlu u l-istess kompratur prospettiv ma kellu jinkorri l-ebda penali jekk l-attur għax hekk ried jibqa' inadempjenti. L-attur, fit-trattazzjoni tiegħu, għamel referenza għal kawża deċiża minn din il-Qorti fl-

ismijiet **Robert Bond** ***vs*** **Austin Agius** ***et***, deċiża fis-26 ta' April, 1993. Dak kien però każ għal kollox differenti. F'dak il-*każ mhux biss il-ftehim tal-bejgħ kien ġie konkluż u perfett* imma ukoll l-attur kompratur kien baqa' jagħmel użu mill-istess vettura minnu mixtrija għal diversi snin liema żmien kien qed jikkontesta l-validità tal-kuntratt u kien qed jippretendi li dak jiġi rexiss;

L-appell tal-konvenut jimmerita għalhekk li jiġi milqugħ għax *hu bbażat fuq aggravju ġustifikat illi l-Ewwel Qorti ma* kienx messha, una volta wasslet għall-konklużjoni li l-versjoni tal-konvenut kienet dik ġusta u illi allura l-vendità qatt ma kienet *seħħet bejn il-partijiet u ma kienx ġust li jiġi akkollat* b'nofs l-ispejjeż sempliċement biex l-attur baqa' żbaljatament jinsisti fuq it-teżi tiegħu u rrifjuta għax ried li jirtira l-*merkanzija meta ġie hekk interpellat biex jagħmel. Merkanzija* li bħala fatt baqgħet u għadha fil-pussess tal-konvenut u ma ġiet minnu bl-ebda mod użata jew utilizzata;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi miż-żewġ appelli kif ġej:

Tiċħad l-appell prinċipali ta' l-attur bl-ispejjeż kontra *tiegħu*, tilqa' l-appell prinċipali tal-konvenut u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi l-ispejjeż kollha tal-kawża quddiem il-prim'istanza; u dawk quddiem din il-Qorti kellhom jitħallsu mill-attur.